31995L0063

30.12.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 335/28

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/63/KE

tal-5 ta' Diċembru 1995

li temenda d-Direttiva 89/655/KEE dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa għall-użu ta' tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 118a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Waqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ [3],

Billi l-Artikolu 118a tat-Trattat jipprovdi li l-Kunsill għandu permezz tad-Direttivi jiffissa l-ħtiġiet minimi biex jippromwovi t-titjib speċjalment fl-ambjent tax-xogħol biex jipproteġi s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema;

Billi skond l-istess Artikolu dawn id-Direttivi għandhom jevitaw li jimponu rbit amministrattiv, finanzjarju jew legali li jista' jfixkel il-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

Billi r-rispett tal-ħtiġiet minimi stabbiliti biex jiggarantixxu *standard* aħjar ta' sigurtà u saħħa fl-użu ta' tagħmir tax-xogħol hu essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà u saħħa tal-ħaddiema;

Billi, qabel xejn, l-Istati Membri iridu jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva minn l-impriżi, b'mod partikolari impriżi żgħar u ta' daqs medju; billi miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu attivitajiet ta' taħriġ u informazzjoni addattati għal l-ħtiġiet speċifiċi ta' setturi varji ta' l-ekonomija;

Billi d-dispożizzjonijiet adottati skond Artikolu 118a tat-Trattat mhumiex ta' ostakolu għal li jinżammu jew jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni iktar stretti, fil-kondizzjonijiet tax-xogħol minn kull Stat Membru, kompatibbli ma' dan it-Trattat;

Billi l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 89/655/KEE [4] jipprovdi ż-żieda ma' l-Anness ta' ħtiġiet minimi supplimentari applikabbli għat-tagħmir tax-xogħol imsemmija fil-punt 3 ta' l-Anness, skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 118a tat-Trattat;

Billi din id-Direttiva għandha tillimita ruħha għal li tistabblixxi l-miri li għandhom jintlaħqu u l-prinċipji li għandhom jiġu rrispettati u tħalli lill-Istati Membri l-għażla tal-mod kif għandhom jassiguraw fil-liġijiet nazzjonali tagħhom ir-rispett u t-titjib ta' dawn il-ħtiġiet;

Billi l-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali, u wara li jittieħed kont tal-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali l-miżuri li jippermettu li jintlaħaq livell ta' sigurtà li jikkorrispondi mal-miri msemmija fl-Anness II ta' din id-Direttiva;

Billi din id-Direttiva tikkostitwixxi pass konkret lejn ir-realizzazzjoni tad-dimensjoni soċjali tas-suq intern,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 89/655/KEE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 4 jiġi emendat kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 1(a)(ii) u (b), 'fl-Anness' tiġi sostitwita bi 'fl-Anness I';

   (b) il-punt li ġej huwa inserit fil-paragrafu 1:

[1] ĠU C 104, tat-12.4.1994, p. 4; u ĠU C 246, tat-22.9.1995, p. 3.
[2] ĠU C 397, tal-31.12.1994, p. 13.
[3] L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 1995 (ĠU C 56, tas-6.3.1995, p. 175), Pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1995 (ĠU C 281, tal-25.10.1995, p. 41) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta'Novembru 1995 (ĠU C 323, ta' l-4.12.1995).
[4] ĠU L 393, tat-30.12.1989, p. 13.

"(ċ) mingħajr preġudizzju għall-punt (a)(i), u b'deroga għall-punt (a)(ii) u l-punt (b), tagħmir ta' xogħol speċifiku suġġett għal ħtiġiet tal-punt 3 ta'l-Anness I, li, jekk diġà provdut għall-ħaddiema fl-impriża u/jew stabbiliment sal-5 ta' Diċembru 1998, jikkonforma mal-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness I, sa mhux aktar tard minn erba' snin wara dik id-data";

(ċ) il-paragrafu li ġej jiġi miżjud:

"3 L-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u meħud kont ta' leġislazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali jistabilixxu l-miżuri li jippermettu li jintlaħaq livell ta' sigurtà li jikkorrispondi mal-miri msemmija fid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II."

2. Għandu jiġi inserit l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 4a

Spezzjoni ta' tagħmir ta' xogħol

1. Min jimpjiega għandu jassigura illi t-tagħmir tax-xogħol li s-sigurtà tagħhom tiddependi mill-kondizzjonijiet ta' l-installazzjoni ikunu kontrollati fil-bidu (wara l-installazzjoni imma qabel ma jibdew jaħdmu) u verifika wara kull assemblaġġ f'sit ġdid jew tqegħid f'lokazzjoni oħra li ssir minn persuni kompetenti fis-sens tal-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali bil-ħsieb li jiġu assigurati l-installazzjoni korretta u l-funzjonament tajjeb ta' dan it-tagħmir tax-xogħol.

2. Min jimpjiega għandu jiżgura li t-tagħmir ta' xogħol li jkun espost għal influwenzi li jikkawżaw deterjorazzjoni li ġġib sitwazzjoni ta' perikolu jkunu soġġetti għal:

— spezzjonijiet perijodiċi u, meta jkun il-każ, provi perijodiċi minn persuni kompetenti fis-sens ta' leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali,

— spezzjonijiet speċjali minn persuni kompetenti fis-sens ta' leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali kull darba li xi ġraja eċċezzjonali li setgħu iġibu magħhom konsegwenzi ta' ħsara għas-sigurtà tat-tagħmir tax-xogħol bħalma huma trasformazzjoni, inċidenti, fenomeni naturali, perijodi twal li ma jintużawx,

biex jiggarantixxu li l-ħtiġiet ta' sigurtà u ta' saħħa jkunu rispettati u li l-ħsara li tkun saret tkun skoperta u rimedjata fil-ħin.

3. Ir-riżultati ta' spezzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati u miżmuma għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ikonċernati. Għandhom jinżammu għal perijodu ta' żmien approprjat.

Meta t-tagħmir tax-xogħol hu użat barra l-impriża għandu jkollu miegħu prova materjali li l-aħħar spezzjoni tkun saret.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom isiru l-ispezzjonijiet."

3. L-Artikolu li ġej għandu jiġi inserit:

"L-Artikolu 5a

L-Ergonomija u s-saħħa fuq ix-xogħol

Il-post tax-xogħol u l-qagħda tal-ħaddiema meta qed jużaw tagħmir tax-xogħol kif ukoll il-prinċipji ta' l-ergonomija għandhom jiġu meħuda inkonsiderazzjoni sħiħa minn min jimpjiega meta japplika l-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa."

4. Is-sub paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-aħħar ta' Artikolu 6(2):

"Il-ħaddiema għandhom jiġu magħmulin konxji mir-riskji li jikkonċernawhom, mit-tagħmir tax-xogħol presenti fl-ambjent immedjat tax-xogħol kif ukoll ta' xi modifikazzjonijiet li jikkonċernawhom, sa fejn dawn jeffettwaw it-tagħmir tax-xogħol li jkunu jinsabu fl-ambjent tax-xogħol fil-qrib anke jekk ma jkunux qegħdin jużaw dan it-tagħmir direttament"

5. Fl-Artikolu 8, il-kelma l-Anness 'hi mibdula bi l-Annessi';

6. L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

— fit-titolu ta' l-Artikolu, 'ta' l-Anness' għandu jiġi mibdul bi 'ta' l-Annessi',

— fil-paragrafu 1, 'l-Anness' fejn jidher darbtejn fit-test jiġi mibdul bi 'l-Anness I',

— fil-paragrafu 2, 'l-Anness' jiġi mibdul bi 'l-Annessi';

7. L-Anness li ssir l-Anness I, jiġi emendat inkonformità ma' l-Anness I ta' din id-Direttiva;

8. L-Anness II qed jiġi miżjud, skond it-test li jidher fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġislattivi, reglamentari u amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel il-5 ta' Diċembru 1995. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza meta jiġu uffiċjalment ippubblikati. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma diġa adottaw jew li jkun beħsiebhom jadottaw f'dak li hu rregolat minn din id-Direttiva.

3. Il-Kummisssjoni perijodikament tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

J. A. GRIÑÁN

L-ANNESS I

L-Anness (li jsir L-ANNESS I) għad-Direttiva 89/655/KEE huwa emendat kif ġej:

1. Il-kumment ġenerali hu miżjud b'dan il-paragrafu li ġej:

"Il-ħtiġiet minimi li ġejjin, sa fejn japplikaw għal tagħmir ta' xogħol fl-użu, mhux neċessarjament jitolbu għall-istess miżuri bħall-ħtiġiet essenzjali li jikkonċernaw it-tagħir tax-xogħol ġdid.";

2. Fil-punt 2.1, l-aħħar paragrafu hu sostitwit bit-test li ġej:

"Is-Sistemi ta' kontroll għandhom ikunu żguri u jintgħażlu biex jipprovdu għal meta s-sistema tfalli, ikun fiha disturbi jew kondizzjonijiet speċjail li wieħed jista' jipprevedi fil-qafas ta' l-użu maħsub.";

3. Il-Punt 3 jinbidel bit-test li ġej:

"3. **Il-Ħtiġiet minimi addizzjonali applikabbli għal tipi speċifiċi ta' tagħmir ta' xogħol**

3.1. *Il-Ħtiġiet minimi għal tagħmir ta' xogħol mobbli, kemm awtomatiku kemm le*

3.1.1. It-tagħmir ta' xogħol li jkollhom ħaddiema fuqhom għandhom jiġu magħmulin b'tali mod li jitnaqqsu ir-riskji għal ħaddiema meta jiċċaqalqu.

Dawk il-perikoli għandhom jinkludu r-riskji ta' kuntatt tal-ħaddiema mar-roti jew mal-linji jew li jinqabdu minnhom.

3.1.2. It-tagħmir tax-xogħol għandu jkun mogħti tagħmir speċjali jew magħmul b'mod li ma jkunx jista' jkun hemm imblokk mhux maħsub bejn l-elementi ta' trazzjoni u l-aċċessorji u/jew l-oġġetti irmunkati miegħu.

Meta dan l-imblokk ma jistax jiġi evitat, għandha tittieħed kull miżura possibbli biex jiġu evitati xi konsegwenzi ħżiena għall-ħaddiema.

3.1.3. Meta elementi ta' trasmissjoni ta' emerġija bejn tagħmir tax-xogħol mobbli jistgħu jitħassru jew tiġrilhom il-ħsara bit-tkaxkir fuq l-art, għandu jkun hemm faċilitajiet għat-tiswija.

3.1.4. It-tagħmir ta' xogħol mobbli li iġorr ħaddiema għandu jkun maħsub b'mod li inaqqas kemm jista' jkun il-kondizzjonijiet ta' użu attwali, ir-riskji li joħorġu mir-reġgħa lura jew mill-qlib ta' tagħmir tax-xogħol:

— sew bi struttura ta' protezzjoni li timpedixxi lil tagħmir tax-xogħol milli jmur lura iktar minn kwart ta' dawra, jew

— jew bi struttura li tiggarantixxi spazju biżżejjed madwar il-ħaddiema li jkollu fuqu jekk il-moviment ikompli iktar minn kwart ta' dawra, jew

— jew b'xi dispożittiv ieħor b'effett ekwivalenti.

Dawn l-istrutturi ta' protezzjoni jistgħu jkunu parti integrali tat-tagħmir ta' xogħol.

Dawn l-istrutturi ta' protezzjoni mhumiex meħtieġa meta t-tagħmir ta' xogħol ikun fiss matul l-operazzjoni jew meta ir-raġgħa lura jew il-qlib ikunu impossibbli minħabba l-mod kif ikun iddisinjat it-tagħmir.

Meta jkun hemm riskju li l-ħaddiema ta' fuqu jistgħu jitgħaffġu bejn it-tagħmir tax-xogħol u l-art meta t-tagħmir imur lura jew jinqaleb għandha ssir sistema biex jinżammu milli jaqgħu.

3.1.5. Trukkijiet bil-*forklifts* li jkollhom ħaddiema fuqhom għandhom jiġu addattati jew mgħammra biex inaqqsu ir-riskji tat-truck tal-*fork lift* milli jinqaleb, e.ż.:

— bl-installazzjoni ta' xi kaxxa għal min isuq, jew

— bi struttura li tipprevjeni t-*truck* tal-*fork lift* milli jinqaleb, jew

— bi struttura li tiżgura li, jekk it-*truck* tal-*fork lift* jinqaleb, jibqa' biżżejjed vojt bejn l-art u ċerti partijiet tat-*truck* tal-*forklift* għall-ħaddiema li jkunu fuqu, jew

— bi struttura li tirrestrinġi lill-ħaddiema fuq is-sedil ta' sewqan biex tipprevenihom milli jiġu mgħaffġa minn partijiet tat-*truck* tal-*forklift* li jinqaleb.

3.1.6. It-tagħmir ta' xogħol illi jkun awtomatiku u li meta jiċċaqlaq joħloq riskji għal persuni għandu jsegwi l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tagħmir għandu jkollu mezzi li jevitaw illi jibda jaħdem mingħajr ma jkun awtorizzat;

(b) għandu jkollu mezzi xierqa biex jiġu minimizzati l-konsegwenzi ta' kolliżjoni meta hemm aktar minn tagħmir ta' xogħol wieħed li jiġi mtella' fuq il-linji fl-istess ħin;

(ċ) għandhom ikollhom dispożittivi ta' fren u waqfien u sa fejn is-sigrtà teħtieġu dispożittiv ta' emerġenza li jitħaddem minn fejn huwa faċilment aċċessibbli jew b'sistemi awtomatiċi illi jiffrenaw u jwaqqfu fil-każ illi dan id-dispożittiv prinċipali jfalli;

(d) meta il-vista diretta tax-xufier ma tkunx biżżejjed biex tiżgura sigurtà, għandu jiġi installat apparat awżiljarju biex itejjeb il-vista;

(e) it-tagħmir ta' xogħol maħsub għal użu bil-lejl jew f'postijiet mudlama għandu jkun mgħammar b'dawl xieraq għax-xogħol li jkun irid isir u biex jiżgura biżżejjed is-sigurtà għall-ħaddiema;

(f) it-tagħmir ta' xogħol li jista' jkollu perikolu ta' nar, kemm għalih u kemm għall-oġġetti li jkun jirmonka u/jew iġorr u li jista' jipperikola lill-ħaddiema għandu jkun mgħammar b'apparat approprjat tat-tifi tan-nar ħlief meta dak l-apparat ma jkunx disponibbli fil-viċin biżżejjed fil-post ta' l-użu;

(g) it-tagħmir ta' xogħol imħaddem bil-kontroll mid-distanza għandu jkun jieqaf awtomatikament meta joħroġ mid-distanza ta' kontroll;

(h) it-tagħmir ta' xogħol imħaddem bil-kontroll mid-distanza li jista' f'ċirkostanzi normali joħloq perikolu li jolqot jew jaħbat mal-ħaddiema għandu jkollu dispożittiv kontra dan il-perikolu, sakemm ma jkunx hemm apparat ieħor xieraq biex jikkontrolla dan il-perikolu.

3.2. *Ħtiġiet minimi għal tagħmir ta' xogħol li jerfa' t-tagħbija*

3.2.1. Meta t-tagħmir ta' xogħol li jerfa' tagħbija huwa installat permanentament, ir-reżistenza u l-istabilità tiegħu għandhom ikunu assigurati, billi jingħata kas, b'mod partikolari, għat-tagħbija li għandha tintrefa' u l-istress li jsir fuq il-punt ta' suspensjoni jew ta' l-iggančjar tiegħu ma' l-istrutturi.

3.2.2. Il-makkinarju li jerfa' t-tagħbija għandu jkun immarkat b'mod ċar b'indikazzjonijiet tat-tagħbija nominali tiegħu, u fejn approprjat tabella li turi il-piż nominali għal kull konfigurazzjoni tal-makkinarju.

L-aċċessorji għat-tagħmir ta' tagħbija għandhom ikunu mmarkati b'mod illi jkun possibbli li tidentifika l-karatteristiċi essenzjali ta' użu sigur.

It-tagħmir ta' xogħol li mhux maħsub biex jerfa' persuni imma li jista jiġi wżat hekk b' konfużjoni għandu jkun immarkat b'mod approprjat u li jidher.

3.2.3. It-tagħmir ta' xogħol installat b'mod permanenti għandu jkun installat b'tali mod li jitnaqqas ir-riskju li t-tagħbija:

(a) tolqot lill-ħaddiema;

(b) tiċċaqlaq jew taqa' waħedha;

(ċ) tiġi mitluqa involontarjament.

3.2.4. It-tagħmir ta' xogħol ta' l-irfigħ jew ġarr ta' ħaddiema għandu jkun tali li:

(a) jipprevjeni l-perikolu li taqa' l-kabina, meta teżisti waħda, minn apparat approprjat;

(b) jipprevjeni lill-utent milli jaqa' mill-kabina, meta teżisti waħda;

(ċ) jipprevjeni l-perikolu li l-utent jiġi mgħaffeġ, maqbud jew milqut, b'mod partikolari b'kuntatt fortuwitu minn oġġetti;

(d) jiżgura li persuni maqbuda fil-kabina fil-każ ta' xi inċident ma jkunux esposti għal perikolu u jistgħu jinħelsu.

Jekk, għal raġunijiet tan-natura tal-post u ta' dislivell, ir-riskji msemmija fil-punt (a) ma jistgħux jiġu evitati b' dispożittivi ta' sigurtà għandu jiġi installat *cable* b'koeffiċjent ta' sigurtà miżjud li jinżamm fi stat tajjeb u jiġi kkontrollat kull ġurnata ta' xogħol."

L-ANNESS II

"L-ANNESS II

DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW L-UŻU TA' TAGĦMIR TAX- XOGĦOL IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4(3)

0. **Kumment preliminari.**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-anness għandhom japplikaw fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u meta r-riskju korrispondenti jeżisti għat-tagħmir tax-xogħol inkwistjoni.

1. **Dispożizzjonijiet ta' ordni ġenerali applikabbli għat-tagħmir kollu tax- xogħol**

1.1. It-tagħmir tax-xogħol għandu jiġi installat, imqiegħed u utilizzat b'mod li jippermetti li jitnaqqsu ir-riskji għall-utent tat-tagħmir ta' xogħol u għall-ħaddiema l-oħra per eżempju billi jiġi żgurat li hemm biżżejjed spazju bejn l-elementi li jiċċaqilqu fit-tagħmir tax-xogħol u l-partijiet fl-ambjent ta' madwar li huma mwaħħla jew li jiċċaqilqu u billi l-enerġija u l-materjali użati jew prodotti ikunu jistgħu jinġabu u/jew jitneħħew b'mod sigur.

1.2. Il-muntaġġ u żżarmar tat-tagħmir tax-xogħol għandu jsir b'mod żgur, partikolarment billi jiġu rrispettati l-istruzzjonijiet li jista' jkun hemm tal-fabbrika.

1.3. It-tagħmir tax-xogħol li sakemm jintużaw jistgħu jintlaqtu mis-sajjetti għandhom ikunu protetti jew b'dispożittivi jew b'miżuri approprjati kontra l-effetti tas-sajjetti.

2 . **Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' tagħmir mobbli, kemm jekk awtomatiku kemm jekk le**

2.1. It-tagħmir ta' xogħol awtomatiku għandu jinsaq biss minn ħaddiema li jkunu tħarrġu b'mod adegwat biex iħaddmu sewwa dak it-tagħmir tax-xogħol.

2.2. Jekk it-tagħmir ta' xogħol jisposta ruħu f'żona ta' xogħol għandu jkun hemm regoli stabbiliti u segwiti ta' ċirkolazzjoni adegwata.

2.3. Għandhom jittieħdu miżuri ta' tqassim tax-xogħol biex jevitaw illi xi ħaddiema mexjin ma jkunux jinsabu f'dik iż-żona tax-xogħol meta ikun hemm it-tagħmir ta' xogħol awtomatiku.

Meta jkun meħtieġ li l-ħaddiema fuq saqajhom ikunu preżenti biex ix-xogħol isir għandhom jittieħdu miżuri approprjati biex jiġi evitat li jkunu midruba mit-tagħmir.

2.4. It-trasport ta' ħaddiema fuq tagħmir ta' xogħol mobbli misjuq mekkanikament għandu jkun awtorizzat biss meta huma pprovduti faċilitajiet siguri għal dan. Jekk ix-xogħol għandu jsir matul il-vjaġġ, il-veloċità għandha tiġi addattata kif meħtieġ.

2.5. It-tagħmir ta' xogħol mobbli li jkollu mutur ta' kombustjoni ma jistax jiġi mħaddem fiż-żona tax-xogħol ħlief meta l-arja fi kwantità suffiċjenti tkun tista' tiġi ggarantita u ma jkunx hemm riskji għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

3. **Dispożizzjonijiet li jolqtu l-użu ta' tagħmir tax-xogħol li jerfa' t-tagħbija.**

3.1. *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

3.1.1. It-tagħmir ta' xogħol li jiżżarma jew li hu mobbli li jservi biex jerfa' t-tagħbijiet għandu jkun imħaddem b'mod li jiggarantixxi l-istabilità tat-tagħmir tax-xogħol waqt li jkun qiegħed jiġi mħaddem taħt il-kondizzjonijiet kollha li wieħed jista' jipprevedi, meħud kont tan-natura ta' l-art.

3.1.2. Il-ħaddiema m'għandhomx jinġarru fuq tagħmir tax-xogħol u aċċessorji tiegħu li mhux maħsub għalhekk.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 ta' Direttiva 89/391/KEE, eċċezzjonalment, it-tagħmir ta' xogħol li mhux maħsub għall-ġarr tal-ħaddiema jista' jiġi użat għal dan l-iskop basta li jittieħdu miżuri approprjati biex jassiguraw sigurtà in konformità mal-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali li jipprevedu sorveljanza approprjata.

Meta jkun hemm il-ħaddiema fuq tagħmir tax-xogħol li suppost iservi għall-irfigħ tat-tagħbija il-posta tal-kmand għandha tkun okkupata l-ħin kollu. Il-Ħaddiema li jinġarru għandhom ikunu jistgħu jiddisponu mill-mezz żgur ta' komunikazzjoni. Irid jinħaseb għall-mod kif jinħarġu f'każ ta' perikolu.

3.1.3. Sakemm dan ma jkunx meħtieġ biex ix-xogħol isir sewwa għandhom jittieħdu mezzi biex ma jkunx hemm ħaddiema preżenti taħt it-tagħbijiet imdendla.

M'għandux ikun permess illi tagħbija imdendla tiġi mgħoddija minn postijiet tax-xogħol mhux protetti li fihom abitwalment ikun hemm il-ħaddiema.

F'dan il-każ jekk biex ix-xogħol ma jistax isir sewwa mod ieħor għandhom ikunu definiti u applikati proċeduri approprjati.

3.1.4. L-aċċessorji ta' l-irfigħ għandhom jintgħażlu skond it-tagħbija li jerfgħu, skond il-punti ta' qbid, skond id-dispożittiv ta' l-iggančjar u l-kondizzjonijiet atmosferiċi u meħud kont tal-mod u l-konfigurazzjoni ta' l-imbragar. L-assemblaġġ ta' l-aċċessorji ta' l-irfigħ għandu jkun immarkat b'mod ċar biex jippermetti lill-utent li jkun jaf il-karatteristiċi tagħhom jekk ma jkunux żmantellati wara l-użu.

3.1.5. L-aċċessorji ta' l-irfigħ għandhom jiġu maħżuna b'mod li jiżgura li ma ssirilhomx ħsara u ma jiġux degradati fl-effiċjenza.

3.2. *It-tagħmir ta' xogħol li jerfa' tagħbijiet mhux iggwidati*

3.2.1. Jekk żewġ biċċiet ta' tagħmir tax-xogħol jew iktar li jservu għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati jkunu installati jew imwaqqfa fuq post tax-xogħol b'mod tali illi il-kamp tax-xogħol tagħhom jgħaddi fuq ta' xulxin għandhom jittieħdu miżuri approprjati biex jiġu evitati kolliżjonijiet bejn it-tagħbijiet u/jew elementi tat-tagħmir tax-xogħol stess.

3.2.2. Waqt li jkun qed juża tagħmir tax-xogħol ta' rfigħ ta' tagħbija mhux iggwidata għndhom jittieħdu miżuri biex jiġi evitat li jitbandlu illi jinqalbu jew jekk ikun il-każ jinqalgħu minn posthom u jiżolqu. Għandu jkun hemm kontroll li dawn il-miżuri ttieħdu.

3.2.3. Jekk min ikun Iħaddem it-tagħmir tax-xogħol ta' rfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati ma jkunx jista' josserva it-traġitt intier tat-tagħbija la direttament u lanqas permezz ta' dispositttivi awżiljari li jtuh informazzjonijiet siewja għandu jkun hemm komunikazzjoni ma' l-operatur biex tiggiwdah u għandu jiġi organizzat mod kif jiġu evitati il-kolliżjonijiet ta' tagħbija li tista' tkun ta' perikolu għall-ħaddiema.

3.2.4. Ix-xogħlijiet għandhom ikunu organizzati b'mod li meta l-ħaddiema jkunu qegħdin jiggančjaw jew jisgančjaw xi tagħbija bl-idejn dawn l-operazzjoni jkunu jistgħu isiru b'mod żgur u l-ħaddiema jkunu jistgħu jidderieġu direttament jew indirettament l-operazzjoni.

3.2.5. L-operazzjonijiet kollha ta' l-irfigħ għandhom jiġu pprogrammati, issorveljati b'manjiera approprjata u effettwati b'mod li tiġi mħarsa s-sigurtà tal-ħaddiema.

In partikolari jekk tagħbija tkun trid tintrefa' simultanjament minn żewġ tagħmir tax-xogħol jew iktar li jservu għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati għandha tkun stabbilita u applikata proċedura biex tassigura l-koordinazzjoni tajba bejn l-operaturi.

3.2.6. Jekk xi tagħmir tax-xogħol li jservi għall-irfigħ ta' tagħbija mhux iggwdiata ma jkunx jista' jżomm it-tagħbija fil-każ li tmur għal kollox jew inparti l-enerġija, għandhom jittieħdu miżuri approprjati biex jiġi evitat li l-ħaddiema jiġu esposti għal perikoli korrispondenti.

It-tagħbija mdendla m'għandhiex tibqa' mingħajr sorveljanza ħlief jekk l-aċċess għaż-żona ta' perikolu jkun impedut u jekk it-tagħbija tkun iggarrjata b'mod żgur u miżmuma wkoll b'mod żgur.

3.2.7. L-użu ta' tagħmir tax-xogħol ta' l-irfigħ tat-tagħbija mhux iggwidata fl-arja aperta għandu jieqaf meta l-kondizzjonijiet metereoloġiċi jeħżienu sal-punt illi jnaqqsu s-sigurtà tal-funzjonament u jesponu l-ħaddiema għal xi riskji. Miżuri adegwati ta' protezzjoni maħsuba partikolarment biex jimpedixxu li t-tagħmir tax-xogħol jinqaleb għandhom jittieħdu biex jevitaw perikolu għall-ħaddiema."